**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 25 ta` Settembru, 2018**

**Talba Nru: 439/2017PA**

**George Mifsud**

**vs**

**Transport Malta u Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, u b'ordni tat-Tribunal datat nhar il-Ħamis 25 t'Ottubru 2017 ġiet kjamata fil-kawża il-kumpanija 'Road Servicing Ltd'**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-14 ta` Settembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li nhar is-sbatax (17) ta` Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), ġewwa Triq Port Ruman, San Pawl il-Baħar, l-attur sofra danni fil-vettura tal-għamla Ford Transit bin-numru ta` reġistrazzjoni IMY 278 u dan wara li arblu tas-sinjali tat-toroq waqa' fuq il-vettura tal-attur u kkawżalu ħsara fuq l-istess vettura, għal liema danni l-intimati jew min minnhom huma responsabbli; li d-danni hekk sofferti mill-attur jammontaw għal ħames mija, wieħed u għoxrin Ewro, erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€521.74ċ); u li minkejja d-diversi interpellanzi, inkuż permezz tal-ittri uffiċjali numri 2466/16 u 3090/16, il-konvenuti baqgħu ma ħallsux. Għaldaqstant, l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsuħ is-somma ta` ħames mija u wieħed u għoxrin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€521.74ċ) rappreżentanti

danni sofferti mill-attur wara dan l-inċident, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali, u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenuta Awtorita` għat-Trasport f'Malta[1] li permezz tagħha eċċepiet li (i) preliminarjament, għandu jkun hemm korrezzjoni fl-okkju sabiex isem l-eċċepjenti jaqra l-Awtorita` għal Trasport f'Malta; (ii) mingħajr preġudizzju u fuq bażi preliminari, l-Awtorita` eċċepjenti mhix il-leġittima kuntradittriċi; (iii) mingħajr preġudizzju, għandu jkun kjamat fil-kawża l-kuntrattur ossia s-soċjeta` Road Servicing Limited (C14802) li kienet għaddejja b'xogħlijiet fit-triq in kwistjoni u li kienet stallat l-arblu in kwistjoni; u (iv) mingħajr preġudizzju, jinkombi fuq ir-rikorrent li jagħmel prova tad-danni allegati u konsegwentement id-danni reklamati qed jiġu kontestati.

Ra r-Risposta tal-konvenut Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar[2] li permezz tagħha eċċepixxa li (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) il-Kunsill konvenut mhux responsabbli għall-akkadut inċident billi dan kien barra l-kontroll tiegħu; u (iii) fi żmien l-inċident, iż-żona u t-tabella in kwistjoni ma kinux taħt il-kontroll u r-responsabbilta` tal-eċċepjenti.

Ra d-digriet tiegħu tal-25 ta` Ottubru 2017[3] li permezz tiegħu ordna s-sejħa f'din il-kawża tal-kumpanija Road Servicing Ltd.

Ra r-Risposta tal-kjamata fil-kawża Road Servicing Ltd[4] li permezz tagħha eċċepiet li (i) l-attur jeħtieglu jipprova li huwa sid il-vettura IMY 278; (ii) l-eċċepjenti mhix responsabbli għad-danni allegati mill-attur; (iii) il-kwantu tad-danni allegati għandu jiġi ppruvat in kwantu qed jiġi kontestat.

Sema' x-xhieda mressqa mill-partijiet, u mis-soċjeta` kjamata fil-kawża.

---

[1] Fol. 5
[2] Fol. 6
[3] Fol. 11
[4] Fol. 14

Ra d-dokumenti ppreżentati.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tagħhom.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li l-attur qed jagħmel kontra l-awtorita` responsabbli mit-toroq u ż-żamma tagħhom fi stat tajjeb, u kontra l-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar li fil-konfini tar-responsabbilta` tiegħu seħħ l-inċident, għad-danni li jgħid li garrab b'konsegwenza ta` ħsarat fil-vettura kummerċjali tiegħu – IMY 278 – kaġun ta` arblu tas-senjaletika tat-traffiku li kien hemm imwaħħal fit-triq fejn kienet tinstab ipparkjata l-vettura fis-17 ta` Jannar 2016.

Fix-xiehda tiegħu, **l-attur George Mifsud**[5] iddikjara li fis-17 ta` Jannar 2016 huwa pparkja din il-vettura tiegħu fi Triq il-Port Ruman, il-Qawra, fil-ħamsa ta` filgħodu (5am). X'ħin ħareġ għaliha fis-7am, sab il-ħsara fil-parti tal-ġenb tal-vettura. Din il-ħsara kienet tikkonsisti f'mera mkissra u fil-*plastic* ta` taħt il-*windscreen* imkisser. Sab ukoll daqqa fil-*bumper,* li nfetaħ, u ħsara fil-*mudguard*. Ma' din il-ħsara, huwa qal li sab tabella mal-vann u ħaseb li l-ħsara setgħet ikkaġunatha t-tabella meta waqtgħet fuq il-vettura.

L-attur ippreżenta diversi ritratti li ħa huwa stess dakinhar tal-inċident, li juru l-ħsara riskontrata u t-tabella li sab ħdejn il-vettura.[6]

L-attur kompla jgħid li, wara dan, huwa mar l-għassa u għamel rapport[7], filwaqt li l-ħsarat irrangahom u ħallas l-ispejjeż relattivi hu. Huwa ppreżenta kopja tar-rapport tal-okkorrenza reġistrat mill-pulizija fl-għassa tal-Qawra, u wkoll riċevuti tal-ispejjeż li nkorra.[8]

---

[5] Ara xiehda, 24.1.2018, fol. 18 sa 20
[6] Dok. GM1 sa GM4, fol. 21 sa 24
[7] Dok. GM5, fol. 25 sa 26
[8] Fol. 27 sa 28

In kontroeżami, l-attur qal li bejn il-ħin meta pparkja l-vettura u l-ħin meta rega' ħareġ għaliha, huwa kien fil-post fejn kien qed jgħix dak iż-żmien jipprepara biex imur għax-xogħol. Huwa ddikjara li, fir-ritratti li ppreżenta fejn it-tabella tidher mimduda mal-art, it-tabella tinstab fil-posiżżjoni kif sabha hu. Qal ukoll li r-ritratti juru wkoll is-sieq tat-tabella wara li neħħewha. L-attur ma kienx f'qagħda jispjega kif setgħet it-tabella tagħmel ħsara fejn hemm il-*wipers* jekk waqgħet lateralment, u qal li l-inċident ma raħx iseħħ. Minħabba f'hekk, ma setax jeskludi li għadda xi ħadd li qala' t-tabella apposta u waqqagħha fuq il-vettura tiegħu bil-ħsieb li jagħmillu l-ħsara fiha.

In ri-eżami, l-attur qal li meta seħħ l-inċident kien ftit riħ mhux ħażin.

L-attur ressaq b'xhud tiegħu lil **PC 709 Michael Caruana**, li ddikjara li fis-17 ta` Jannar 2016, kien ġie nfurmat mill-attur dwar din l-okkorrenza, u mar fuq il-post. Qal li hemm ra lasta tal-ħadid, imdaħħla ġol-art u mqaċċta minn qrib l-art. Il-vettura li urieh l-attur kienet ipparkjata bil-ħsara fiha, xi metru jew żewġ metri 'l bogħod mill-ħadida li ra mqaċċta, filwaqt li l-bqija tal-ħadida sabha mimduda mal-art u kienet tasal sal-parti ta` quddiem tal-vann.

Caruana ddikjara li, meta ġara dan, kien ħafna riħ. Pero` ma jafx eżatt kif ġara l-inċident għaliex ma raħx jiġri.

Ix-xhud ikkonferma li l-ħadida sabha kif tidher fir-ritratti eżibiti mill-attur.

L-attur ippreżenta wkoll kopja tal-*logbook* tal-vettura mertu ta` din il-kawża li juri lill-istess attur bħala s-sid reġistrat tagħha fl-20 ata` Settembru 2016.[9]

L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta ressqet b'xhud tagħha lil **Nicholas Baldacchino**, *Legal Support Manager* fi ħdan ir-*Roads and Infrastructure Directorate* tal-Awtorita`.[10]

[9] Fol. 34
[10] Ara xiehda, 24.5.2018, fol. 36 sa 38

Huwa qal li l-Awtorita` kienet intalbet tagħmel tajjeb għal ħsara li l-attur allega li garrab kaġun ta` tabella fi Triq il-Port Ruman, f'San Pawl il-Baħar. Skond il-proċedura li tħaddem l-Awtorita`, hija ltaqgħet bħaal kumitat – ix-xhud iddikjara li kien wieħed mill-membri - u analizzat id-dokumentazzjoni kollha li ppreżentalha l-attur. Mill-investigazzjoni li għamlet, l-Awtorita` sabet li din it-tabella kienet waħda temporanja, u twaħħlet minħabba f'xogħlijiet li kienu qed isiru fil-viċinanzi fuq ordni tagħha stess. Biex twettaq dawn ix-xogħlijiet, l-Awtorita` kienet inkarigat lis-soċjeta` kjamata fil-kawża Road Servicing Limited. L-obbligi ta` dan il-kuntrattur, bħal tal-bqija, huma dawk stipulati fil-liġi, u jidhru pubblikati wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita`. Fost dawn l-obbligi, il-kuntrattur irid iwaħħal tabelli temporanji dwar ix-xogħol li jkun ser iwettaq, u l-perikli involuti, u l-permess biex jitwettqu x-xogħlijiet jinkludi fih l-obbligi u l-kundizzjonijiet li jkunu jridu jiġu sodisfatti mill-kuntrattur. L-informazzjoni li gabret l-Awtorita` kienet turi li l-kuntrattur kien waħħal din it-tabella partikolari, u allura l-Awtorita` ċaħdet li kienet taħti b'xi mod għad-danni reklamati mill-attur.

In kontroeżami, Baldacchino ddikjara li ma kienx f'qagħda jwieġeb jekk is-senjaletika kinetx verifikata u aċċettata mill-Awtorita` qabel tat permess lill-kuntrattur tagħha, Road Servicing Ltd, jibda bix-xogħlijiet.

Meta kompla jixhed[11], Nicholas Baldacchino ppreżenta kopja tal-permess tax-xogħlijeie li saru fi Triq il-Port Ruman u fi Triq Ġdida fi Triq it-Tamar, f'San Pawl il-Baħar, li jinkludu fihom l-obbligi ta` min kellu jagħmel ix-xogħlijiet.[12] Ix-xogħlijiet filfatt saru minn Road Servicing Ltd.

Ix-xhud ippreżenta wkoll dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-għoti ta` dan l-inkariġu.[13]

Ix-xhud kompla spjega li l-*field officer* tal-Awtorita` jattendi fil-lok fejn ikunu qed isiru x-xogħlijiet biex jara l-progress tagħhom. Huwa ppreżenta kopja ta` ritratti li ħa

---

[11] Ara xiehda, 5.6.2018, fol. 56 sa 57
[12] Doki. NB1 sa NB4
[13] Doki. NB5 sa NB6

l-*field officer* Josepħ Tħeuma tal-Awtorita` f'dan il-każ. L-ewwel ritratti ttieħdu fis-6 ta` Jannar 2016[14], u fihom jidhru s-sinjali li waħħal il-kuntrattur, u li jidhru mwaħħla kif suppost.[15] Il-kuntrattur beda x-xogħol fit-13 ta` Jannar 2016 u lestiehom fl-1 ta` April 2016.

In kontroeżami, ix-xhud qal li s-17 ta` Jannar 2016 inżerta l-Ħadd, u l-*field officer* kien mar fuq il-post fil-granet tal-Ħamis u l-Ġimgħa qabel l-inċident. Il-*field officer* qatt ma rrapporta li kien hemm xi tabella li ma kinetx imwaħħla kif suppost, jew li ra, jew wasallu xi rapport li kien hemm, xi tabella mqaċċta.

Ix-xhud ikkonferma li l-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar ma kellux x'jaqsam ma' dawn ix-xogħlijiet għaliex din kienet triq Ġdida, u kienet qed tiġi asfaltata għall-ewwel darba.

Xehed ukoll **Emanuel Vella**, direttur tal-kjamata fil-kawża Road Servicing Ltd.[16]

Vella xehed li kien involut f'dawn ix-xogħlijiet, u kien imur jittawwal fis-sit biex jara li x-xogħol kien miexi sew. Qal li t-tabella in kwistjoni kienet imdaħħla għoli ta` pied taħt wiċċ it-triq. Qal li ħu ma marx fuq il-post fil-jum tal-Ħadd 17 ta` Jannar 2016, pero` sal-ġurnata ta` qabel kien fuq il-post u x-xogħol kien għadu għaddej, filwaqt li t-tabella kienet għadha mwaħħla sew f'postha. Il-kanna li fuqħa kienet imwaħħla t-tabella kienet wiesa' xi żewġ pulżieri, u għalhekk ma setgħetx tinqasam waħedha, imma bilfors qasamha xi ħadd. Ir-riħ seta` għawwiġħa imma mhux qasamha. Qal li l-kanna raħa kemm fiżikament u anke fir-ritratti. It-Tnejn ta` wara, il-kanna kienet għadha mqaċċta fuq il-post u neħħewha l-ħaddiema tiegħu biex ma tkunx ta` periklu għan-nies. Qal ukoll li l-kumpanija tiegħu ma kellimha ħadd dwar li kien ġara, jew dwar din it-talba għall-ħlas. Il-permess biex jibdew bix-xogħlijiet l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta tatulhom wara li l-uffiċjali tagħhom ivverifika fuq il-post li s-sinjali kienu mwaħħla kif suppost.

---

[14] Fol. 68
[15] Dok. NB7
[16] Ara xiehda, 5.6.2018, fol.

Ikkunsidra wkoll li:

L-attur jikkontendi li l-konvenuti, u/jew il-kjamat fil-kawża, għandhom jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li jgħid li garrab fil-vettura tiegħu, vann tal-passiġġieri bin-numru ta` reġistrazzjoni IMY 278, waqt li din kienet ipparkjata fi Triq il-Port Ruman, f'San Pawl il-Baħar.

Qabelxejn, jirriżulta ampjament pruvat, bl-ammissjoni wkoll tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, li l-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar ma kienx involut fit-twettiq jew fis-sorveljanza tax-xogħlijiet li fil-kors tagħhom twaħhlet it-tabella bis-senjaletika li allegatament ikkaġunat dawk il-ħsarat. Jirriżulta li t-triq in kwistjoni kienet triq Ġdida, li kienet qed tiġi asfaltata għall-ewwel darba, u li x-xogħlijiet kienet responsabbli għalihom b'mod esklussiv il-konvenuta Awtorita` għat-Trasport f'Malta. Fl-Avviż tat-Talba, l-attur jgħid li ppreżenta ittra uffiċjali kontra ż-żewġ konvenuti mħarrka minnu, u għalkemm naqas li jipproduċi kopja tagħhom, mill-verifika li għamel it-Tribunal jirriżulta li l-attur kien sejjaħ b'att ġudizzjarju lill-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar biex jagħmel tajjeb għal dawn id-danni b'ittra uffiċjali tal-20 ta` Settembru 2016 li kienet notifikata lill-Kunsill Lokali fid-29 ta` Settembru 2016. Il-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar ma ressaqx prova li huwa wieġeb għal din is-sejħa, jew li b'mod ċar iddikjara l-posiżżjoni tiegħu qabel saret din il-kawża, u għalhekk l-attur kien prudenti u diliġenti meta ħarrku wkoll f'din il-kawża.

Konsegwentement, it-Tribunal qed jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar, u jilliberaħ mill-osservanza ta` dan il-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar.

Preliminarjament ukoll, l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta għandha raġun fl-ewwel eċċezzjoni tagħha li l-isem tagħha bħala konvenuta f'din il-kawża għandha jaqra 'Awtorita` għat-Trasport f'Malta`, li huwa l-isem li tatħa l-liġi li ħolqitha[17], u mhux l-

[17] Kap. 499 tal-Liġijiet ta` Malta

isem li bih tinsab komunement magħrufa bħala 'Transport Malta`. Konsegwentement, anke dik l-eċċezzjoni timmerita li tintlaqa', bl-ispejjeż kontra l-attur.

Fil-mertu, jirriżulta pruvat mix-xiehda tal-attur korroborata mill-uffiċjal tal-pulizija li ħadlu r-rapport dwar din l-okkorrenza, u li mar fuq il-post jivverifikah, li fil-jum tas-17 ta` Jannar 2016, il-vettura tal-attur kienet ipparkjata filgħodu kmieni fi Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Baħar, fejn kienu qed isiru xogħlijiet ta` asfalt, u garrbet ħsarat fuq in-naħa tax-xellug tagħha, fejn kienet tmiss mal-bankina, u fejn kien hemm mimduda tabella tas-senjaletika tat-traffiku ma' arblu tal-ħadid, filwaqt li fejn oriġinarjament kienet imwaħħla, li kien xi metru jew tnejn 'il bogħod mill-vettura, kien fadal imwaħħla mal-art biċċa mill-arblu, m'ogħla ftit pulżieri.

Fil-liġi tagħna, ir-responsabbilta` ċivili delittwali hija reġolata bl-**art. 1031** u **1032(2)** tal-Kodiċi Ċivili:

> **1031. …** kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-famiija.
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta` disposiżżjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta` prudenza, ta` diliġenza jew ta` ħsieb fi grad akbar.

Il-prinċipji ġenerali tar-responsabbilta` ċivili għad-delitt u l-kważi-delitt ġew spjegati diversi drabi mill-qrati tagħna f'diversi sentenzi, pero` dan it-Tribunal jibqa' jsib ċara u struttiva l-ispjegazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi nomine**.[18] Meta analizzat id-disposiżżjonijiet fuq ċitati dwar ir-responsabbilta` ċivili għad-delitt, dik il-Qorti fissret li, biex tirrikorri din ir-responsabbilta`, l-attur irid jipprova *'tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabbilita` tal-istess fatt għal min ikun għamlu u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt, li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiment tad-dannu kaġunat mhux biss lill-vittma tal-att illeċitu, imma anki lil kull min indirettament jirriżenti d-dannu …*

*ħu fatt illeċitu dak kollu li wieħed ma għandux id-dritt li jagħmel u meta nġustament jilledi d-dritt ta` ħaddieħor ... Fid-delitt din il-volonta` libera tasal għall-akbar gravita`, jiġifieri l-intenżjoni li ssir il-ħsara; filwaqt li fil-kważi-delitt tibbasta s-sempliċi kolpa. Inveru ħu dan l-element morali, jiġifieri d-dolo fid-delitt u l-kolpa fil-kważi-delitt, li jikkostitwixxi d-differenza bejn il-wieħed u l-ieħor; iżda naturalment mhux biżżejjed li tiġi konstatata l-ħtija, imma ħu meħtig ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert.'*

Irrispettivament mill-entita` tad-dannu, jinkombi fuq l-attur li jipprova n-ness kawżali bejn il-fatt dannuż illeċitu u n-nuqqas ta` prudenza, diliġenza u ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja, u dana minħabba li t-teorija legali mħaddna mil-liġi tagħha fid-delitt hija dik ta` responsabbilta` soġġettiva, u mhux oġġettiva jew ta` *'strict liability'*.

L-attur jarġumenta li t-tabella twaħħlet mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta, jew fuq inkariġu tagħha jew in eżekuzzjoni tal-obbligu li għandha hi li zzomm it-toroq fi stat tajjeb, b'siġurta` għall-utenti tagħhom, u għalhekk kien min kien li qaċċatha, jew x'kienet ir-raġuni għalxhiex tqaċċtet din it-tabella, għandha tagħmel tajjeb hi għad-dannu li garrab hu.

L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta tgħid li hija qabbdet lill-kuntrattur tagħha, Road Servicing Limited – kjamat f'din il-kawża – biex jagħmel ix-xogħlijiet tas-senjaletika bħala parti mill-inkariġu li tatu biex iwettaq fi Triq il-Port Ruman, u ssorveljat li effettivament kien waħħal sewwa dawn it-tabelli – fosthom dik in kwistjoni – qabel tatu permess jibda bix-xogħlijiet. Konsegwentement, hija ma naqset bl-ebda mod mid-diliġenza u l-prudenza meħtiega minnha fiċ-ċirkostanzi, u allura m'għandhiex responsabbilta` għall-akkadut.

Min-naħa tagħha, il-kjamata fil-kawża Road Servicing Limited tgħid li hija għamlet dak ordnat minnha, skond is-sengħa u l-arti, u skond ir-rabta li kellha ma' min inkarigaha – l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta – tant li ma kinetx awtorizzata tibda bix-

---

[18] Appell Kummerċjali, 2.3.1962, XLVI.i.477

xogħlijiet qabel din ivverifikat li t-tabelli twaħħlu kif mitlub, u li sa lejliet l-inċident, it-tabella kienet għadha mwaħħla sew, u f'postha. Konsegwentement, hija wkoll ma naqset bl-ebda mod mill-obbligi tagħha, u m'għandhiex iggorr responsabbilta` għall-akkadut.

It-Tribunal fela sewwa r-ritratti eżibiti mill-attur, u ra li l-arblu bit-tabella in kwistjoni kien imwaħħal fil-bankina fejn l-attur għażel li jipparkja l-vettura tiegħu, u ma nqalax mill-ħofra fejn kien imwaħħal, imma nqata` jew tqaċċat 'il fuq mill-wiċċ tal-bankina, b'mod li kien fadal parti żgħira minnu mwaħħla mal-art, u l-bqija mimdud għal tulu mal-ġenb tax-xellug tal-vettura tal-attur. Dan juri biċ-ċar li l-arblu ma nqalax mill-ħofra għax ma kienx imwaħħal sew, imma tqaċċat jew inqata` bl-intervent ta` forza esterjuri minn aġent mhux magħruf, uman jew naturali. L-uffiċjal tal-pulizija li ħa r-rapport, u vverifika l-veraċita` tiegħu fuq il-post, qal li dakinhar li seħħ dan l-inċident kien ħafna riħ, u dan jikkonfermah ukoll l-attur.

It-Tribunal ħa kont ukoll tal-ħsarat li l-attur jgħid li kellha l-vettura tiegħu, li ma kinux biss grif jew daqqiet man-naħa tax-xellug tal-vettura, fejn seta` laqat l-arblu tal-ħadid li tqaċċat, jew it-tabella li kien hemm imwaħħla miegħu, imma wkoll mal-windscreen tal-vettura filwaqt li l-mera tax-xellug inqalgħet għal kollox. L-entita` tal-ħsarat turi biċ-ċar li l-arblu ntefa' b'forza qawwija għal fuq il-vettura tal-attur x'ħin inqata` minn mal-bqija tal-ħadida li baqgħet imwaħħla fil-bankina.

Wara li qies dan kollu, it-Tribunal mhuwiex moralment konvint li l-konvenuta Awtorita` għat-Trasport f'Malta, jew il-kjamata fil-kawża Road Servicing Limited, naqsu b'xi mod mill-obbligi tagħhom, jew li jeżisti ness kawżali, dirett u mmedjat, bejn xi aġir jew nuqqas tagħhom u l-ħsarat li bata l-attur. Jirriżulta pruvat li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta tat l-inkariġi u ssorveljat l-eżekuzzjoni tagħhom bir-reqqa qabel ippermettiet li jibdew ix-xogħlijiet, filwaqt li l-kuntrattur tagħha Road Servicing Limited għamlet dak kollu meħtieg minnha, skond is-sengħa u l-arti, biex din it-tabella tibqa' mwaħħla fil-post skond l-ordni li kellha. Tant hu hekk li filfatt il-parti tal-arblu 'l isfel minn fejn tqaċċat baqgħet imwaħħla soda, kif oriġinarjament poġġietha l-istess Road Servicing Limited. Kienx ir-riħ li qaċċatha, u allura forza maġġuri lil ħinn mill-kontroll

jew responsabbilta` tal-konvenuta u l-kjamata fil-kawża, jew kienx l-aġir doluż ta` terżi persuni mhux magħrufa, jirriżulta f'kull każ karenti n-ness ta` kawżalita` meħtieg bil-liġi għall-imputabilita` tal-fatt dannuż lil dawn il-partijiet fil-kawża. Mill-banda 'l oħra, bl-tiegħu li jipparkja l-vettura tiegħu maġenb arblu b'senjaletika fil-bankina, f'ġurnata xitwija bir-riħ, l-attur għażel – forsi anke nkonxjament – li jżid is-sogru ta` ħsara fil-vettura tiegħu, b'forza maġġuri jew b'riżultat ta` dolo ta` terżi li jibqgħu mhux magħrufa, sogru dan li sid ta` vettura ikollu jġorr bilfors kull darba li jħalli l-vettura tiegħu fit-triq.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar, u jilliberah mill-osservanza ta` dan il-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-istess Kunsill Lokali ta` San Pawl il-Baħar, jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita` għat-Trasport f'Malta u tal-kjamata fil-kawża Road Servicing Limited, u jiċħad it-talba tal-attur.

L-ispejjeż tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u ta` Road Servicing Limited jitħallsu mill-attur.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**